MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 684/1997/1

**Executive Services Limited**

**Vs**

**Dominic Cassar f'ismu proprio**
**u kif esercenti fin-negozju**
**Moondance Restaurant**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut pro et noe ghall-hlas tas-somma ta' Lm391.00 (tlett mija u wiehed u disghin lira Maltin) rappresentanti prezz ta' reklamar u servizzi ohra relatati u dan skond istruzzjonijiet tal-konvenut pro et noe.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' zewg ittri legali datata 3 ta' Dicembru 1996 u 10 ta' Dicembru 1996 u bl-imghax sal-effettiv pagament kontra r-rappresentanti tas-socjeta konvenuta li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-istess konvenut (fol 7 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Preliminarjament ir-restaurant Moon Dance huwa gestit mis-socjeta' Le Spagna Ltd., u mhux minnu personalment.

2. Subordinatament kif gja nfurmata is-socjeta' attrici permezz ta' ittra datata 24.3.97 annessa mal-ittra ufficjali bhala dok A, is-somma mitluba mhiex dovuta stante li l-ordni tar-reklamar ghalkemm saret il-gimgha, giet ikkancellata it-tnejn ta' wara u dan peress li r-restaurant kien ser jitbiddel minn generu vegetarjan ghal wiehed ibbazat fuq il-bejgh tal-hut.

Is-socjeta attrici naqset li tikkancella r-reklamar u dan ikkawza danni kbar kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat kif ukoll id-dokument anness mal-istess nota (fol 8 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, f'dan il-kaz, l-uniku xhud li nstema' kien <u>Alison Vella</u>, in rappresentanza tal-istess socjeta' attrici (fol 13 u fol 24 et seq ibid) liema socjeta tippublika "magazine" bl-isem ta' "Tune in" u li jkun inkluz mal-harga ta' gazzetta lokali kull nhar ta' Hadd. Fl-<u>1 ta' Frar 1996</u> il-konvenut, f'ismu proprju kif risultanti mill-istess xhieda, kien inkariga lis-socjeta' attrici sabiex din taghmel l'hekk imsejjah "restaurant review" konsistenti f'riklam taht forma ta' artikolu b'ritratti, liema xoghol kellu jigi publikat fl-imsemmi "magazine" fil-harga ta' Gunju 1996 (ara id-dokument a fol 18 ibid). Wara li kien sar ix-xoghol kollu preliminari, fl-<u>14 ta' Gunju 1996</u>, l-istess xoghol kien gie approvat mill-konvenut (ara d-dokument a fol 19 tal-istess atti). Pero' fiz-<u>17 ta' Gunju 1996</u>, <u>wara</u> li l-istess artikolu ossija riklam kien intbaghat di gja ghand l-istampatur sabiex jkun jista'

jigi inklus fil-harga tal-istess "magazine" li kellha tigi pubblikata gimghatejn wara, l-istess konvenut permezz ta' telefonata, kien informa lis-socjeta' attrici li xtaq jikkancella x-xoghol ordnat minnu dan minhabba li kien ser jinbidel il-generu ta' ikel servut fl-istess "restaurant". In rigward dan, kien gie spjegat lill-konvenut li dan ma setax jsir stante li "….. ix-xoghol kollu …. kien lest" u "….l-'colour seperations' kienu di gja ghand l-istampatur". L-istess xhud kompliet tispjega illi ordnijiet bhal dawn ma jistghux jigu kancellati stante li "… l-istampar jiehu madwar gimghatejn u ma nistghux nohorgu publikazzjoni b'faccata vojta jew parti minnha vojta" (dwar il-prodott finali ara pagna 22 tal-harga tal-imsemmi magazine anness mal-atti a fol 20).

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li s-socjeta attrici kienet lestiet ix-xoghol kollu skond kif inkarigat mill-konvenut, minghajr ebda lment da parti ta' dan. Hu minnu li l-istess konvenut ghamel tentattiv sabiex jikkancella l-ftehim. Pero' jidher li ukoll li dan sar meta l-istess xoghol kien tant avvanzjat li ma setax jigi kancellat. Hawnhekk jkun opportun li issir referenza ghall-artikolu 1640 tal-Kodici Civili fejn jinghad "It shall be lawful for the employer to dissolve the contract at will, even though the work has been commenced ……" bil-konsegwenza specifikati fl-istess artikolu dwar kumpens li jkun dovut in konnessjoni ma spejjes u in rigward somma li ghandha tigi ffissata mill-Qorti skond ic-cirkostanzi tal-kaz b'dan li din ma teccedix il-profitti. Izda, kif die gja inghad, ix-xoghol li bih giet inkarigata s-socjeta attrici kien fi stadju avanzat hafna u kwazi kollu esegwit. Ghalhekk, l-Qorti ma tistax tara, kif fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz tista' tapplika l-artikolu citat.

Ikkunsidrat

Illi ma ingieb xejn a konjizzjoni ta' din il-Qorti sabiex jigi sostanzjat dak li hu allegat fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut ossija "Is-socjeta attrici naqset li tikkancella ir-reklamar u dan ikkawza danni kbir kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza". Anzi jirrisulta illi kien akkwantu

irresponsabbli sabiex is-socjeta' attrici "tikkancella ir-reklamar" tenut kont ta' dak li xehdet Alison Vella.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-prezz tax-xoghol in kwistjoni kif mitlub fl-istess avviz ma giex kontestat b'xi prova skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut fil-kwalita' tieghu premessa sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm391.00,0 bl-imghax legali mit-30 ta' Gunju 1996 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittri legali tat-3 ta' Dicembru 1996 u tal-10 ta' Dicembru 1996.

--------------------------------TMIEM--------------------------------